# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT
## DR.  JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 19 ta' Settembru 2024**

**Każ Nru: 27/22**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**vs**

**Neville Arpa (K.I. 642882M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuża miġjuba fil-konfront ta' Neville Arpa, mwieled fit-22 ta' Novembru, 1982 Pieta', iben Louis u Mary xebba Borg Bonaci, detentur tal-Karta tal-Identità nru 642882M u residenti 58, Madliena View, Flat 1, Triq il-Lampara, Bahar ic-Caghaq, L/O Naxxar u ċioé:

*Akkużat talli b'diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat:*

*Fil-kwalita' tieghu ta' Direttur jew Segretarju jew Rapprezentant Legali jew Manager, tal-Kumpanija NSI Ltd (C-76809) bl-indirizz reġistrat 58, Madliena View, Flat 1, Triq il-Lampara, Bahar ic-Caghaq u/jew bhala persuna li kien inkarigat mill-istess Kumpanija sabiex jamministra l-kirja.*

1. *Bħala sid il-kera jew amministratur tal-fond 17, Flat 3, Triq Karm Galea, Sliema nhar is-17 ta' Mejju 2021 u fil-gimghat u x-xhur preċedenti, bi ksur tal-ligijiet u regolamenti applikabbli, naqas li jirreġistra l-kirja tal-imsemmi fond lil Cristina Ehlhardt detentrici tal-karta ta' residenza 62474A, lil Martin Bashev detentur tal-karta ta' residenza 263005A u lil Mikaela Gancheva Filipova detentrici tal-karta ta' residenza 61395A mal-Awtorita' tad-Djar.*

Rat id-digriet ta' tagħha tal-5 ta' April 2023[1].

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2023[2] fejn l-akkużat eċepixxa il-preġudizzjali tan-*ne bis in idem* taħt l-artikolu 52 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u r-raba' (4) artikolu tas-seba' (7) Protokoll tal- Konvenzjoni Ewropeja kif reża applikabbli bil-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.  Dakinhar ġie dikjarat u miftiehem li għandha tiġi deċiża din l-eċċezzjoni qabel is-smigħ u deċiżjoni eventwali fil-mertu.

Semgħet ix-xhieda ta' Claudia Diacono, Martin Bashiv, Christina Elhart, Michela Ganjeva Philipova u Mario Magro bħala rappreżentant tal-Awtorità tad-Djar, lkoll mwettqa fis-seduta fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2023.

[1] A fol 7 tal-proċess.
[2] A fol 8 tal-proċess.

Semgħet ix-xhieda ta’ Stephania Calafato Testa, kif ukoll it-trattazzjoni finali dwar l-eċċezzjoni mressqa[3]. Dakinhar il-kawża tħalliet għad-deċiżjoni fuq l-istess difiża[4].

Rat dak li seħħ fis-seduta tas-27 ta’ Ġunju 2024[5], fejn is-sentenza ma setgħetx tingħata għaliex l-imputat ma deherx. Dakinhar, wara li l-Qorti sabet lill-imputat ħati ta disprezz, l-kawża kellha terġa tiġi differita għas-sentenza għal-lum.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

1) **Fatti u provi**

Illi din il-kawża tikkonċerna n-nuqqas ta’ reġistrazzjoni ta’ skrittura ta’ kera skond dak li jrid il-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Illi f’dawn il-proċeduri xehdet Claudia Diacono, bħala rappreżentant tal-Malta Business Registry[6]. Hawnhekk ressqet dokumenti relattivi għas-soċjetà’ NSI Limited (C76809) minn fejn jirriżulta li l-akkużat huwa direttur, azzjonist, rappreżentant legali u ġudizzjarju, kif ukoll segretarju tal-istess kumpannija mis-sena 2016 l’hawn.

[3] Debitament reġistrata u traskritta u tibda a fol 146 tal-proċess.
[4] Verbal relattiv jinsab a fol 111 tal-proċess.
[5] A fol 159 tal-proċess.
[6] Xhieda mogħtija fis-seduta tal-21 ta’ Ġunju 2023 u tibda a fol 10 tal-proċess.

Illi xehed ukoll Martin Bashiv, l-allegat inkwilin[7]. Hawn jispjega u jikkonferma li kien daħal f'kuntratt ta' kirja mal-akkużat. Jgħid li l-problemi bdew fl-aħħar tal-allegata kirja meta ipprova (flimkien m'allegati inkwilini oħra) jiġbor lura d-depożitu mħallas. Ressaq kopja tal-kuntratt relattiv u kkonfermah. Jgħid li kien iħallas lill-aġent l-ammont ta' tmien mitt Ewro (€800) fix-xahar, bħala kirja.

Illi xehdet ukoll ċertu Christina Elhart[8]. Tispjega li hija kienet tikri minn għand l-akkużat, li għarrfet fl-awla. Tgħid li l-ħlas kien issir lill-aġent. Tikkonferma li l-problemi bdew meta ġew biex jitilqu minħabba d-depożitu għalkemm tgħid li l-akkużat irritorna l-flus.

Illi xehdet ukoll ċertu Michela Ganjeba Philipova[9].Tgħid li hija u oħrajn kienu krew fond ġewwa Sliema iżda ma tiftakarx minn kien sid il-kera. Taf li fl-aħħar tal-kirja kien hemm kwistjoni dwar ir-radd lura tad-depożitu mħallas inizjalment. Kien minħabba f'hekk li sar kuntatt mal-Awtorità tad-Djar. Fl-aħħar sar kuntatt mal-akkużat u d-depożitu tħallas lura minnu.

Illi xehed ukoll Mario Magro, rappreżentant tal-Awtorità tad-Djar[10]. Jispjega li kienu rċevew korrispondenza elettronika minn waħda mill-allegati inkwilini fejn intbagħat il-kuntratt relattiv u nstab li dan ma kienx reġistrat. Jgħid li konsegwenza tan-nuqqas ta' reġistrazzjoni jfisser li ma tkunx tista' tinfetaħ kawża quddiem il-Panel t'Arbitraġġ (kostitwit bis-saħħa tal-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta) u kif ukoll problemi oħra ma Identity Malta. Ma jafx jgħid jekk kien hemm xi difett fil-kuntratt.

---

[7] Xhieda mogħtija fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2023 u tibda a fol 81 tal-proċess.
[8] Xhieda mogħtija fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2023 u tibda a fol 93 tal-proċess.
[9] Xhieda mogħtija fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2023 u tibda a fol 99 tal-proċess.
[10] Xhieda mogħtija fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2023 u tibda a fol 103 tal-proċess.

Illi finalment xehdet ukoll Stephania Calafato Testa, Assistent Reġistratur fil-Qrati Kriminali u Tribunali[11]. Hija essenzjalment eżebiet kopja legali tal-atti fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Neville Arpa,** mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar il-25 ta' Mejju 2022. Tikkonferma wkoll li ma kienx ġie mressaq appell minn dik is-sentenza.

**2) *Ne bis in idem***

Illi kif diġà ġie senjalat aktar fuq fir-rijepilogu tal-*iter proċesswali* ta' dan il-każ, din tal-lum hija deċiżjoni limitata għall-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* imqanqla mid-difiża. Naturalment, jekk din l-eċċezzjoni tinstab li hija meritevoli t'akkoljiment, dan il-proċediment jieqaf hawn.

Illi mill-ewwel għandu jingħad li din il-Qorti hija llum prekluża milli tindaga b'xi mod, dwar kif ġiet deċiża l-ewwel sentenza min din il-Qorti kif hemm preseduta[12]. Ċertament, m'huwiex ir-rwol ta' din il-Qorti li terġa tħawwar l-ingredjenti ta' dak il-proċess u tara jekk dik il-Qorti mxietx sew bil-fatt li sabet li l-akkużat kellu jiġi liberat minħabba n-nuqqas ta' kwalifika fiċ-ċitazzjoni li dan kien qiegħed jidher bħala rappreżentat ta' xi kumpannija[13]. Dik is-sentenza, debitament mressqa fl-atti ta' din il-kawża[14], hija llum waħda finali u tikkostitwixxi ġudikat.

[11] Xhieda mogħtija fis-seduta tat-22 ta' Frar 2024 u tibda a fol 112 tal-proċess.
[12] Dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Neville Arpa,** mogħtija minn din il-Qorti kif hemm preseduta nhar il-25 ta' Mejju 2022. Kopja tas-sentenza relattiva tinsab a foll 144 u 145 tal-proċess.
[13] Għall-kompletezza però, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Martin Pillow,** (App Krim Nru: 190/2011) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar it-18 ta' Novembru 2011.
[14] Ara għal dak li jiswa dak raġunat u deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Eugenio Said,** mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar it-28 ta' Mejju 2013.

Illi huma tlieta l-istrumenti legali li jagħtu ħajja lil dan il-prinċipju[15]. Għalkemm jeżistu xi sfumaturi bejnhom[16], fil-veritá lkoll jridu l-istess ħaġa u ċioé li persuna ma tiġix mixlija b'sett ta' proċeduri kriminali oħra wara li tkun għaddiet diġà minn xi proċeduri tal-istess natura fuq l-istess fatt jew reat. L-aktar protezzjoni

---

[15] L-artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk: *"Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra."* L-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jgħid hekk: *"Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat: Iżda ebda ħaġa f'xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu minħabba biss li tawtorizza xi qorti li tagħmel proċeduri kontra membru ta' korp dixxiplinat għal reat kriminali nonostanti kull proċeduri u dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni ta' dak il-membru skont il-liġi dixxiplinarja ta' dak il-korp, imma hekk illi kull qorti li tkun hekk tiġġudika dak il-membru u li hekk issibu ħati għandha meta tikkundannah għal xi piena tieħu kont ta' kull piena mogħtija lilu skont dik il-liġi dixxiplinarja."* Imbagħad l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem jgħid hekk: *"1. Ħadd ma jista' jkun ipproċessat jew jerġa' jiġi kkastigat għal darb'oħra fi proċedimenti kriminali taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istess Stat għal xi reat li dwaru jkun diġà ġie finalment liberat jew misjub ħati skont il-liġi u l-proċedura penali ta' dak l-Istat. 2. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti ma għandhomx iżommu milli l-każ jerġa' jinfetaħ skont il-liġi u l-proċedura penali tal-Istat inwistjoni, jekk ikun hemm provi ta' xi fatti ġodda jew li jkunu għadhom kif ġew żvelati, jew inkella jekk ikun ħemm xi vizzju fondamentali fil-proċedimenti ta' qabel, li jista' jkollhom effett fuq kif jiżvolġi l-każ. 3. Ebda deroga minn dan l-artikolu ma għandha ssir taħt l-artikolu 15 tal-Konvenzjoni."*

[16] Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Fenech,** mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-26 ta' Ġunju 2014 ġie ritenut hekk: *"Il-Qorti ezaminat id-differenzi sottili illi hemm bejn il-Kodici Kriminali u l-Kostituzzjoni ta' Malta. Filwaqt illi l-Kodici Kriminali jitkellem ghall-istess fatt li jkun suggett tal-kawza l-ohra, il-Kostituzzjoni ta' Malta titkellem dwar l-istess reati "li ghalih setghet tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat ...". Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fuq imsemmija kontra George Azzopardi qalet, "L-Interpretazzjoni korretta li ghandha tinghata din id-dicitura hi li persuna ma tistax tingieb il-Qorti twiegeb ghal akkuzi li dwarhom già ghadda in gudikat jekk l-akkuzi godda setghu jigu inkorporati, involuti jew alternattivi ghall-ewwel akkuza." M'hemmx dubbju illi l-akkuzi odjerni huma alternattivi ghall-akkuzi originali li taghhom l-appellat kien digà misjub hati u l-istess provi illi ngabu f'dik il-kawza jistghu jingiebu f'din il-kawza sabiex il-Prosekuzzjoni jkollha success fil-kawza taghha u dana huwa proprju l-argument illi ngab fil-kawza irrapportata mill-ewwel Qorti "Sua Maesta Il Re versus Agatha Mifsud u Carmelo Galea" (15.6.19.18) fejn intqal fost affarijiet ohra "The true test by which the question whether such a plea is a sufficient bar to any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second indictment would have been sufficient to prove a legal conviction upon the first."* Issir referenza wkoll għal dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Vella vs l-Avukat Ġenerali,** (Appell Ċivili Numru. 9/2008/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-25 ta' Mejju 2020.

wiesgħa jidher li hija dik offruta mill-artikolu erbgħa (4) tas-Seba' (7) Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropjea. L-awtur **William A. Schabas** dwar dan jgħid hekk: *"The right enshrined in article 4 of Protocol No. 7 applies not only to a second conviction for the same offence but even to a second prosecution. Indeed, it is violated by the initiation of proceedings and not just by their completion. Otherwise, it would not have been necessary to add the word "punished" to the word "tried" since this would be mere duplication. Article 4 of Protocol No. & applies even where the individual has merely been prosecuted in proceedings that have not resulted in a conviction. It applies even where the individual has merely been prosecuted in proceedings that have not resulted in a conviction. The right applies to a person who is convicted in the first proceeding and acquitted in the second, because he or she has been prosecuted a second time. In other words, it has three distinct guarantees, providing that no one shall be (i) liable to be tried, (ii) tried or (iii) punished for the same offence"*[17]. Tajjeb pero jingħad li anke l-elementi rakkjuża fl-artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom jiġu moqrija u jingħataw ħajja fid-dawl ta' dak li jrid l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Għalkemm wieħed minnhom jitkellem dwar l-istess "fatt" u l-ieħor dwar l-istess "reat", jiġi mfakkar li l-applikazzjoni tas-salvagwardji kostituzzjonali m'għandhomx jiġu applikati b'inqas qawwa[18].

Illi tajjeb jingħad ukoll li din il-Qorti m'hijiex prekluża milli tistħarreġ din il-materja billi tqis ukoll l-aspett Kostituzzjonali jew konvenzjonali hekk kif

---

[17] Bran meħud minn **The European Convention on Human Rights – A Commentary** – Oxford University Press, 2017, a fol 1150.

[18] Rilevanti hawnhekk huwa dak enenunċjat mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Vella vs L-Avukat Ġenerali,** (Rik Kost Nru:9/2008) mogħtija nhar id-29 ta' Settembru 2009 (u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-25 ta' Mejju 2010) fejn ġie mfakkar hekk: *"Illi din il-Qorti tifhem li jekk kemm-il darba t-tifsira mogħtija lill-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali hija b'mod tali li żżomm milli persuna terġa' titressaq mixlija dwar fatt li dwaru kienet diġa' tressqet taħt proċedura li ntemmet b'sentenza li saret ġudikat, wieħed jistenna li t-tħaddim tar-regola miġjuba fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni għandu jkun jgħodd iżjed biex iħares dak il-jedd. Fi kliem ieħor, ilgaranziji kostituzzjonali ma jistgħux ikunu applikati b'xeħħa jew b'anqas qawwa meta mqabblin mal-garanziji li tagħti l-"liġi ordinarja" kif tinsab fil-Kodiċi Kriminali"*

jemerġu mil-liġijiet relattivi jew mill-ġurisprudenza stabbilita[19] li jkunu ngħataw fuq dan is-suġġett minn qrati Kostituzzjonali[20]. Mhumiex biss il-qrati ta' kompetenza kostituzzjonali jew konvenzjonali li għandhom l-obbligu li jinterpretaw u japplikaw liġijiet jew fatti fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni[21]. Terġa' u tgħid, huwa llum ben aċċettat li huwa doveruż li qorti f'sede penali tinvestiga din il-materja hi stess, anke fin-nuqqas ta' eċċezzjoni formali[22].

Illi f'dawn il-proċeduri, irriżulta ċar li dawn it-tieni sett ta' proċeduri jirrelataw dwar l-istess akkuża, l-istess reat u l-istess fatti miġjuba kontra l-akkużat fl-ewwel proċeduri u ċioé in-nuqqas ta' reġistrazzjoni tal-kuntratt ta' kera tat-28 ta' April

---

[19] Tkun qiegħda tonqos din il-Qorti jekk dwar dan ma tagħmilx referenza għas-segwenti bran meħud mis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jean Pierre Borg,** (Rif Nru: 59/12) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar il-25 ta' Ottubru 2016. Dik il-Qorti kienet qalet hekk: *"Illi l-Qorti qiegħda tgħid dan għaliex hija tħoss li fejn, quddiem Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla, titqajjem 'kwestjoni' ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali li bħalha tkun tqajmet qabel, u fejn dik il-'kwestjoni' tkun diġa' tqieset mill-ogħla Qorti kompetenti u tat il-provvedimenti tagħha dwarha, ma jidhirx li jkun hemm għalfejn li Qorti oħra għandha tirreferi l-każ mill-ġdid lil din il-Qorti kull darba li tqum quddiemha kwestjoni bħal dik, sakemm il-'kwestjoni' ma tkunx tqanqal xi punt ġdid. Ikun xieraq li l-Qorti li quddiemha titqanqal il-'kwestjoni' tieħu qies tad-direzzjoni murija mill-Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali dwar 'kwestjoni' bħal dik u timxi ma' dik id-direzzjoni indikata fil-każ li jkollha quddiemha. B'daqshekk, ma jfissirx li dik il-Qorti tkun qiegħda tarroga għaliha kompetenza li mhijiex tagħha, iżda biss li tkun qiegħda tapplika u tħaddem il-liġi fl-għarfien ta' punti li jkunu ġew stabiliti mill-Qorti kompetenti. B'dan il-mod ukoll, jonqos it-tkattir fl-għadd ta' kawżi riferiti".*

[20] Eżemplari hija s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Matthew Gatt,** (Każ Nru: 90/2015) deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-28 ta' April 2021 (mhux appellata). Issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Anthony Cassar) vs Ramon Mifsud Grech *et*,** (Każ Nru: 498/2012) mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar il-5 ta' Novembru 2012 (mhux appellata).

[21] F'dan is-sens issir referenza għall-provvediment (propju fuq talba għal referenza) riċenti fl-**ismijiet Il-Perit u Arkitett Ċivili Anthony Galea vs Il-Perit Andrè Pizzuto *pro et noe*,** (Rik Nru: 380/2011) mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-21 ta' Frar 2023. Fuq l-istess binarju kienet ukoll is-sentenza fl-ismijiet **Margaret Camilleri *et* vs The Cargo Handling Co Ltd**, (Ċit Nru: 1560/1995/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-3 ta' Ottubru 2003.

[22] F'dan is-sens, fost diversi, issir referenza għas-segwenti deċiżjonijiet u ċioé **Il-Pulizija vs George Attard,** (App Nru: 299/2021) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Inferjuri) nhar it-28 ta' Marzu 2023 u **Il-Pulizija vs Anthony Gauci,** (Appell Kriminali Numru. 145/2002) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Inferjuri) nhar il-24 ta' Ottubru 2022.

2020[23]. Fuq hekk, hemm qbil kemm mill-Prosekuzzjoni u d-difiża. Din il-Qorti wara li rat l-atti, jirriżultalha ċar li l-akkuża u l-fatti huma identiċi. Id-dibattitu m'huwiex fuq hekk.

Illi l-unika punt in kontestazzjoni huwa jekk il-fatt waħdu li Neville Arpa, f'dawn il-proċeduri, qiegħed jiġi indikata bħala akkużat fil-kwalità tiegħu ta' tiegħu ta' Direttur jew Segretarju jew Rappreżentant Legali jew Manager tal-kumpannija NSI Ltd, għandu jfisser li l-akkużat f'dawn il-proċeduri huwiex wieħed differenti mill-akkużat li wieġeb (u ġie liberat) għall-istess reat fl-ewwel proċeduri finalment deċiżi.

Illi għal din il-Qorti, il-fatt waħdu li l-akkużat qiegħed issa jiġi mixli fil-kwalità kif temerġi fl-akkuża odjerna, ma jbiddel xejn. Li kieku din il-Qorti kellha tieqaf hemm u tqis li l-persuna quddiema llum hija persuna differenti, minħabba f'din il-kwalifika biss, tkun qiegħda tagħmel eżami superfiċjali.

Illi din il-Qorti taqbel li l-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħmilx referenza għall-artikolu 121D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk jidħol fix-xena il-kunċett ta' responsabbiltà' vikarja[24], li naturalment għandhom rekwiżiti u konsegwenzi differenti[25]. Għalhekk, f'każijiet bħal dawn jgħodd u jiġi

---

[23] Kopja tal-istess tinsab eżebita a fol 89 tal-proċess.

[24] Safejn hekk applikabbli, ssir referenza għal dak raġunat u deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Daniela Debattista,** (App Nru: 498/2015) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-6 ta' Novembru 2016.

[25] F'dan is-sens issir referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ivan Gauci *et*,** (Kumpilazzjoni Nru: 128/2015) mogħtija minn din il-Qorti kif hemm preseduta nhar id-19 ta' Jannar 2017 fejn ingħad hekk: *"Il-Qorti hija tal-fehma li qabel ma tkompli tiddiskuti l-mertu tal-kaz ghandha l-ewwel tiddiskuti x'inhu dak li jikkostitwixxi responsabilita' kriminali ta' korp maghqud fit-termini tal-Artikolu 121D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan ifisser illi kuntrarjament ghal dik ir-responsabbilta' vikarja imqieghda fuq spallejn id-direttur ta' korp maghqud fejn allura f'kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena din tigi inflitta fuqu u ghandha tigi skontata minnu personalment anke f'kaz ta' piena pekunjarja, bil-kuncett legali*

applikat dak li jrid l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

*Meta xi reat taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat.*

---

*gdid introdott permezz ta' din id-disposizzjoni tal-ligi li titkellem dwar il-corporate liability, kif inghad, ir-responsabbilta penali ghalkemm titqieghed fuq spallejn persuna fizika, madanakollu l-piena pekunjarja hija imputabbli lil-korp maghqud, f'dan il-kaz il-korp Peace Band Club , liema penali tigi meqjusa bhala dejn civili u titolu ezekuttiv fil-konfront ta' dak il-korp maghqud.*" L-istess deċiżjoni mbagħad kompliet hekk: *"Mela id-distinzjoni bejn dina l-forma ta' responsabbilita' penali u dik vikarja hija wahda sottili hafna, ghaliex ghalkemm fiz-zewg istanzi il-kundanna issir kontra l-persuna fizika, ufficjal tal-korp maghqud, madanakollu l-piena inflitta taht l-Artikolu 13 ta' l-Att dwar lInterpretazzjoni taqa' f'hogor dik il-persuna, u fil-kaz tar-responsabbilita' tal-korp maghqud, il-piena tinghata fil-konfront tal-persuna legali u mhux dik fizika, fejn l-ufficjal allura ma jwegibx personalment ghall-agir inkriminatorju. Ukoll ghalkemm fejn il-persuna fizika tigi akkuzata birreponsabbilta' vikarja taghha, hija tista' tezimi ruhha minn tali responsabbilita' billi turi, u dan fuq bazi ta' probabbilita', illi hija tkun ezercitat id-diligenza mehtiega ghal-kariga minnha okkupata u tkun ghamlet dik is-sorveljanza mehtiega fil-qadi ta' dmirijietha sabiex tara illi ma jsir l-ebda att jew omissjoni doluza, ma jidhirx illi bl-istess mod il-korp maghqud kif rapprezentat jista' isib il-konfort ta' dik l-iskuzanti taht l-Artikolu 121D hawn fuq iccitat u jkun bizzejjed illi l-Prosekuzzjoni tipprova illi r-reat ikun sehh a beneficcju tal-kumitat tal-Peace Band Club jew il-parruccjani tieghu sabiex tigi stabbilita r-reita' f'dak il-korp maghqud."* Huwa wkoll ta' interess dak li ngħad fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Erica Farrugia Harding,</u>** (App Nru: 354/2022) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-6 ta' Jannar 2023 fejn ingħad hekk: *"Illi l-Qorti tqies illi wasal iż-żmien fejn anke f'dan il-qasam penali fejn il-vjolazzjoni tal-liġi tkun saret minn korp magħqud jew soċjeta kummerċjali b'personalita' ġuridika indipendenti minn dik tal-azzjonisti tagħha jew tal-uffiċjali li imexxuha, ikun hemm kundanna waħda u unika fil-konfront ta' dak ilkorp magħqud, u mhux kontra kull uffiċjal tal-kumpanija sabiex b'hekk jitwieldu pluralita' ta' azzjonijiet penali għal infrazzjoni tal-liġi li del resto għandha titqies daqslikieku saret minn persuna waħda u ċioe' is-soċjeta kummerċjali. Il-liġi madanakollu ma tagħtix din is-setgħa lil Qorti, bir-responsabbilta' vikarja taqa' fuq kull direttur, manager u uffiċjal ieħor tal-kumpanija li, kif ingħad, jsiru ħatja tan-nuqqas magħmul mill-kumpanija li huma jirrappreżentaw bil-kundanna għalhekk issir fil-konfront tagħhom personali."*

Illi din il-Qorti, diversament preseduta, diġà kellha okkażjoni tidħol *in funditus* fuq din il-kwistjoni[26]. Din il-Qorti taqbel ma dak l-insenjament u tagħmlu tagħha mingħajr ħtieġa ta' elaborazzjoni ulterjuri. Utli wkoll jiġi ribadit li l-artikolu 22(1) tal-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta jibda billi jagħmel referenza għal kull "persuna" mingħajr ma jagħti tifsira jew limitazzjoni ta' min tista tkun dik il-persuna. Allura tgħodd id-definizzjoni misjuba fl-artikolu 4(e) tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> *L-espressjoni "persuna" tinkludi korp jew għaqda oħra ta' persuni sew jekk dak il-korp jew dik l-għaqdajkunu persuna ġuridika, skont id-dispożizzjonijiet tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili, sew jekk le.*

Illi kif inhu ben aċċettat, meta wieħed jitkellem fuq responsabbiltà vikarja, wieħed xorta qiegħed janalizza **ir-responsabbiltà personali** ta' dak l-akkużat, għalkemm f'dik il-kwalità indikata. Għalhekk f'każ li din il-Qorti kellha finalment issib ħtija, sakemm Nevile Arpa[27] ma jurix li huwa ma kienx jaf jew ma setax raġonevolment ikun jaf b'xi egħmil kriminuż jew in-nuqqas tiegħu[28],

---

[26] Issir ampja referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Sammut *et,*** mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar is-27 ta' Marzu 2023.

[27] Għaliex f'dak il-każ l-oneru jinqaleb għal fuq l-akkużat sabiex jipprova li l-aġir kien wieħed mhux fil-kontroll tiegħu.

[28] Ara f'dan is-sens dak raġunat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs William Caruana,** (App Nru: 294/2012) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (sede Inferjuri) nhar it-28 ta' Lulju 2021, fejn ġie mfakkar hekk: "*Illi esposti dawn il-punti ta' dritt huwa ċar illi l-funzjoni ta' direttur huwa vast u ġeneriku ħafna. Dan jidher li huwa wkoll l-ispirtu tal-artikolu 13 meta jixħet fuq kull direttur (mingħajr l-ebda speċifikazzjoni tal-funzjonijiet li jaqdu jew li qdew filkumpanija li tkun) ir-responsabbiltà' kriminali meta jiġu kommessi reati millkumpanija bħalma fil-fatt ġara f'dan il-każ. Issa sabiex direttur jeżimi ruħu minn kull responsabbiltà penali jrid neċessarjament iressaq prova li huwa aġixxa b'diliġenza sabiex jevita l-egħmil tar-reat li dwaru l-kumpanija minnu rappreżentata hija mixlija, mqabbla mal-figura tal-bonus pater familias. Illi kien jispetta lill-appellat allura jipprova illi fis-snin li għalihom tirreferi l-akkuża huwa kien mexa b'diliġenza u responsabbiltà u li għan-nuqqas imputat lilu huwa ma kienx jaħti. Issa, kif ingħad, l-appellat ammetta għall-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu mingħajr ebda riserva. Illi di piu' huwa ma iressaq ebda prova għall-inqas sal-grad rikjest*

huwa l-istess Neville Arpa biss li jista' jirrispondi għall-akkuża[29]. Ir-responsabbiltà hija u kienet waħda personali u mhux waħda rappreżentattiva kif inhu fil-kamp ċivili[30]. Fi kliem sempliċi, f'każ ta' ħtija, il-multa tiġi nflitta fuq Neville Arpa u mhux fuq NSI Ltd.

---

*sabiex jipprova jeżimi ruħu minn din ir-responsabbiltà u billi jirrizulta illi huwa irriżenja mill-kariga ta' direttur fis-sena 2012 din mhijiex prova suffiċjenti li tista' teħilsu mill-obbligi fiskali tiegħu. Huwa irid jipprova li mhux biss ma kienx jaf b'dawn in-nuqqasijiet imma wkoll li kien eżerċita id-diliġenza kollha tiegħu, kif dettat wkoll mill-Att dwar il-Kumpanniji, sabiex jevita li dawn in-nuqqasijiet jirrikorru jew li għamel li seta' biex isolvi l-problema li kienet inħolqot tul dawk is-snin kollha."* Bl-istess mod isir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Gaetano Abdilla et,** (App Nru: 81/1999/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar it-28 ta' Lulju 2003 fejn ingħad hekk: *"Kif gie diversi drabi ritenut minn din il-Qorti, biex direttur (jew persuna ohra msemmija fl-Artikolu 13 ta' Kap. 249) ma jkunx vikarjament responsabbli ghar-reat kommess millkumpanija jew socjeta` irid jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, mhux biss li hu ma kienx jaf li kien sar ir-reat izda wkoll (mhux jew) li hu kien ezercita id-diligenza kollha xierqa biex jigi evitat dak ir-reat. Tali diligenza ma tistax tikkonsisti filli persuna semplicement thalli f'idejn haddiehor biex iwettaq pjan, ordni jew xi management partikolari, ghax altrimenti jkun facli ghal dak li jkun li jahsel idejh mir-reponsabbilta` penali (f'dan il-kaz vikarja) billi jghid, per ezempju, li ta ordni lis-subaltern tieghu u li kien dan is-subaltern tieghu li ma wettaqx l-ordni. Il-ligi tirrikjedi li dak li jkun ikun ezercita d-dilgenza kollha xierqa, u dan normalment ifisser li dak li jkun irid ikun ha attivament passi biex jassigura l-osservanza tal-ligi, u mhux semplicement, kif ghamel l-appellant, ghadda l-karti lil huh u halla f'idejh."*

[29] Fost diversi ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **The Police vs Omissis et,** (Appell Nru 42/2014) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-16 ta' Frar 2023 fejn ġie raġunat hekk: *"This Court agrees only in part with the Attorney General's argument. The Attorney General is correct in her interpretation of the two distinct concepts of corporate criminal liability and vicarious criminal responsibility and is also correct in arguing that given that the provisions of Article 121D were not applicable in relation to the offences allegedly committed by the body-corporate, the analysis should shift onto whether the persons legally and juridically answerable to the body-corporate at the time of the commission of the alleged offence, were aware of the criminal wrongdoings of the body-corporate. The Attorney General is also correct in he rargument that in this scenario, if found guilty, it is the representatives of the body-corporate that will be found guilty and sanctioned accordingly and not the body-corporate itself (as would be the case through the application of Article 121D of the Criminal Code)."* Fuq l-istess vena, ssir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Charles Le Brun,** (App Nru: 369/2017) mogħtija u mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar id-19 ta' Frar 2019 u għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija s Anthony Zahra,** (App Nru: 391/2016) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar it-30 ta' Ottubru 2019.

[30] Fost oħrajn, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Bezzina et,** (App Nru: 463/2012) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar id-19 ta' Novembru 2015 fejn intqal hekk: *"Dan ifisser allura illi ir-responsabbilta` kriminali hija wahda personali u mhux wahda rapprezentattiva jew nomine kif inhi fil-kamp civili. Ghalhekk ma hemmx ghalfejn li l-appellati jigu iccitat fil-vesti ta' direttur jew in rapprezentanza ta' xi socjeta' kummercjali. Bizzejjed li jiġi citat b' mod car għal dak li jirrigwarda l-konnotati taghhom personali w li mill-korp tal-akkuza jkun jidher car li qed jigu*

Illi rispettosament, minn qari tal-allegat kuntratt ta' kera relattiv, kellu jkun altru milli evidenti għall-prosekuzzjoni (fl-ewwel każ) li sid il-kera, skond dak il-kuntratt, kienet NSI Ltd u mhux Neville Arpa, li deher biss in rappreżentanza tal-istess soċjetà. Din kienet prova faċilment determinabbli mal-ħruġ tal-ewwel akkuża. Għalhekk issa, m'għadux aktar leċitu li l-Prosekuzzjoni sempliċiment, abbażi ta' dak deċiż minn din il-Qorti fl-ewwel sentenza, temenda l-kwalità rappreżentattiva tal-akkużat u terġa tgħaddi lil Neville Arpa minn dawn it-tieni sett ta' proċeduri. Dan semmai kellu jsir fl-ewwel każ u mhux issa[31]. Jibqa' l-fatt li kemm fl-ewwel sett ta' proċeduri hu f'din il-kawża, l-akkużat baqa' l-istess[32],

---

*mharrka jew akkuzati minnhabba r-responsabbilta' vikarja taghhom bħala ufficjali/diretturi tal-korp. Dak li irid jirrizulta mill-provi, iżda hu li fil-fatt huma kienu id-diretturi, jew ufficjali tal-korp bhal ma hija socjeta' kummercjali li tiggestixxi l-post fejn ikun sar ir-reat u li huma allura qed jigu akkuzati għal din ir-raguni."* Bl-istess mod issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Muscat,** (692/2020) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar il-31 ta' Mejju 2023 fejn ukoll ġie mfakkar hekk: *"Illi d-direttur ta' kumpanija iwieġeb ukoll f'ismu personali u jiġi misjub ħati personalment għan-nuqqasijiet tal-kumpanija li jwasslu għal egħmil kriminali u li jkunu saru b'konsegwenza tan-nuqqas ta' diliġenza u kura li kull direttur skont illiġi huwa tenut li jeżerċita."*

[31] Huwa ċelebri, u ripetutament mtenni, dak enunċjat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonnici** mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta' Mejju 1995 fejn kien ingħad hekk: "*5. Ghall-finijiet ta' kjarifika tal-posizzjoni legali, din il-Qorti tosserva li kemm l-Artikolu 322 tal-Kap 10 kif ukoll l-Artikolu 13 tal-Att dwar l-Interretazzjoni (Kap. 249) joholqu r-responsabbilta' penali vikarja ta' direttur, manager, segretarju ecc. ta' ghaqda jew korp ta' persuni ghar-reati kommessi minn tali ghaqda jew korp. Iz-zewg disposizzjonijiet jistabbilixxu wkoll id-difiza li tista' tinġieb 'l quddiem minn tali direttur, manager, segretarju ecc. meta jigi imsejjah biex iwieġeb ghar-reat kommess mill-imsemmija ghaqda jew korp. Pero' t-tahrika tohrog dejjem kontra l-imsemmi direttur, manager, segretarju ecc. f'ismu personalment, fis-sens li hu personalment irid iwiegeb ghall-akkuza u f'kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tigi inflitta fuqu u tigi skontata minnu. Mill-banda l-ohra, meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, manager jew segretarju, reat kommess mill-ghaqda jew korp, u li ghalih hu jrid iwieġeb personalment, fl-imputazzjoni jew fl-akkuza - - mhux fl-isem tal-imputat jew akkuzat, cioe' mhux fl-okkju tal-kawza - - ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi imsejjeh iwiegeb ghal reat kommess mill-korp jew ghaqda; cioe', ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi imharrek jew akkuzat minhabba r-respnsabbilta' vikarja tieghu. Jekk mhux ghal xi haga ohra, tali indikazzjoni hi mehtiega sabiex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu: altru wiehed irid iwiegeb ghal reat kommess minnu stess, altru jekk irid iwiegeb ghal reat kommess minn haddiehor (f'dan il-kaz, mill-ghaqda jew korp)."*

[32] F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Anthony P. Farrugia vs L-Onorevoli Prim Ministru *et,*** (Rik Kkost Nru: 8/2011) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti

u qiegħed jerġa jiġi mitlub jirrispondi għall-istess akkuża emerġenti mill-istess fatti.

Illi għalhekk il-Qorti ssib lid-difiża tan-*ne bis in idem* f'dan il-każ hija waħda tajba u qiegħda tiġi milqugħa.

### 3) Konklużjoni

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda tilqa' l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* u konsegwentement qiegħda tiddikjara dan il-proċediment bħala estint[33].

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

---

Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar is-17 ta' Novembru 2016 (konsegwentement varjata mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-8 ta' Mejju 2017 iżda l-bran hawn utilizzat xorta jsib applikazzjoni), fejn ingħad hekk: *"Illi meta wieħed jitkellem dwar l-eċċezzjoni tan-ne bis in idem fil-qasam tad-dritt penali taħt l-ordinament ġuridiku tagħna, wieħed iqis li* ***jeħtieġ jintwera li l-persuna li tkun tqiegħdet taħt akkuża oħra trid tkun l-istess waħda*** *li kienet tqiegħdet taħt l-ewwel proċedura u wkoll li tkun hekk tressqet dwar l-istess fatt."* ***(enfasi tal-Qorti).***

[33] Il-prinċipju tan-*ne bis in idem* huwa wieħed li jekk jiġi milqugħ, jagħti lok għall-estinzjoni tal-proċeduri partikolari kriminali. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Zammit,** mogħtija minn din il-Qorti kif hemm preseduta fit-3 ta' Ottubru 2014 kif ukoll għas-sentenza klassika fl-ismijiet **Giovanni Baldacchino vs Giuseppe Buhagiar,** mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar il-15 ta' Novembru 1941.